4 ta' Frar, 1956

**Imħallef:**

**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Fenech *versus* Avukat Dr. Antonio Caruana *

## Spejjeż Ġudizzjarji — Taxxa — Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Appell — Art. 262 tal-Kap. 15.

*Is sentenzi huma eżegwibbli mill-Qorti li tkun ippronunzjathom, u t-taxxa tal-ispejjeż fil-konfront tal-kollitigant avversarju hija parti integrali mill-eżekuzzjoni tas-sentenza, li hi appuntu t-titolu eżekuttiv għal dawk l-ispejjeż. Għaldaqstant, kwistjoni dwar jekk ċerti atti għandhomx jiġu inklużi fit-taxxa tal-ispejjeż kanonizzati bis-sentenza hija kwistjoni li tirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza.*

*Għaldaqstant, jekk il-kwistjoni tqum quddiem Qorti tal-Appell li tkun iddeċidiet dwar dawk l-ispejjeż, dik il-Qorti hija l-Qorti li għandha tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni u tiddeċidiha, avvolja b'hekk jintilef il-benefiċċju tad-doppju eżami. Għax għalkemm hu deżiderabbli li, kemm jista' jkun, kull kawża jkollha dan il-benefiċċju, din il-konsiderazzjoni għandha ċċedi quddiem il-prinċipju l-ieħor fuq enunċjat; u kull Qorti oħra tkun, in forza tal-istess prinċipju, inkompetenti li tiddeċidi kwistjoni simili.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi b'ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 1955 (dok. A) il-konvenut kien innotifikalu taxxa, maħruġa minn dina l-istess Qorti, għal spejjeż ġudizzjarji fil-kawża "Avukat Dr. Antonio Caruana versus Giuseppe Fenech", deċiża minn dina l-Qorti fil-5 ta' Novembru 1955 (dok. B), u, kif huwa jallega, għal spejjeż ta' atti oħra relattivi u susseġwenti, tal-ammont komplessiv, dina t-taxxa, ta' £18. 5. 10, li wara ċerti deduzzjonijiet il-konvenut irriduċa għal £16. 15. 10; u illi l-konvenut daħħal u nkluda f'din it-taxxa drittijiet u spej-

* Ara sentenza fil-meritu deċiża fis-17 ta' Marzu, 1956 (publikata).

jeż ta' vera katina ta' rikorsi, risposti u kontro-risposti, li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kawża kif fuq deċiża u mal-kawżali tagħha — rikorsi, risposti u kontro-risposti illi jġibu d-data tat-28 ta' Lulju, 3 ta' Awissu, 30 ta' Novembru u 16 ta' Diċembru, 1954; u daħħal ukoll fl-istess taxxa spejjeż ta' ittra uffiċjali tas-17 ta' Novembru 1955, li fil-fatt ġiet spedita kontra terzi persuni; jgħid l-istess konvenut għaliex ma għandux jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti illi l-attijiet fuq imsemmijin, tal-ammont globali ta' £5. 18. 2, apparti d-deduzzjoni ta' £1. 10. 0 magħmula mill-konvenut stess, huma għal kollox estranei għall-kawża fuq imsemmija u għall-kawżali tagħha, u għalhekk għandhom jiġu esklużi minn dina t-taxxa, kif għall-bżonn għandu jiġi eskluż kwalunkwe att ieħor bħala mhux dovut mill-instanti; u konsegwentement li jiġi deċiż ukoll illi l-veru ammont dovut mill-instanti, skond id-deċiżjoni fuq imsemmija, huwa ta' £10. 17. 8, u mhux ta' £16. 15. 10 kif jippretendi l-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li jibqa' nġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa li din il-Qorti ma għandhiex attribuzzjoni biex tieħu konjizzjoni tad-domanda avanzata fl-att taċ-ċitazzjoni. A norma tal-art. 42(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, din il-Qorti tisma u tiddeċidi l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta. Id-domanda odjerna hi domanda ġdida, li għandha jkollha l-benefiċċju tad-doppju eżami. Fil-meritu, u bla preġudizzju, id-domanda hija infondata fil-fatt u fil-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni;

Il-kwistjoni odjerna tirrigwarda taxxa ta' spejjeż ta kawża deċiża minn dina l-Qorti. L-art. 262 Kap. 15 jenunċja r-regola li s-sentenzi huma eżegwibbli mill-Qorti li tkun tat is-sentenza. Issa, it-taxxa tal-ispejjeż, fil-konfront tal-kollitigant avversarju (bħala distinta mit-taxxa favur l-avukat, il-prokuratur legali, eċċ.), hija parti integrali mill-eżekuzzjoni tas-sentenza, li hi appuntu t-titolu eżekuttiv għal

dawk l-ispejjeż (ara P.A. "Sultana vs. Axiak", 29 ta' Marzu 1892). Minn dan jiġi, allura, li l-kwistjoni f'din il-kawża tirrigwarda l-eżekuzzjoni tas-sentenza;

Issa, hu prinċipju inveterat fil-Qrati Maltin, probabbilment oriġinat mid-Dritt Ruman (Leg. Adite,. Cod. de Ordine Judiciorum; Leg. Quoties, 3; Cod. de Judiciis), u ċertament "secundum communem omnium tribunalium praxim", illi "le quistioni concernenti la esecuzione delle sentenze non sono se non incidentali alle sentenze di cui si domandi la esecuzione" (App. "Camilleri vs. Barone Azzopardi", 23 ta' Frar 1860). L-istess prinċipju hu sanċit fis-sentenza App. "Caruana vs. Imkaddem" 24, ta' Frar 1869, u fis-sentenza P.A. "Ellul vs. Mangion" 17 ta' Ottubru 1894. F'dan il-kawża tal-aħħar il-Qorti ddikjarat ruħha nkompetenti għaliex il-kwistjoni kienet tirrigwarda taxxa ta' kawża deċiża minn Qorti oħra; u qalet:— "......nessuna Corte è competente a prendere cognizione di controversie sulle spese giudiziarie di una causa pendente, innanzi ad un'altra Corte o definita da tal'altra Qorte"; mentri dik ta' qabilha qalet:— "...... è di regola che il giudice competente per la pronunziazione della sentenza canonizzante il credito è anche competente per quel che concerne le domande relative alla esecuzione della sentenza";

Ara wkoll, dejjem b'applikazzjoni tal-istess prinċipju, Qorti tal-Kummerċ "Borg vs. Pace", 7 ta' Marzu 1895, u App. "Amato vs. Merewether", 11 ta' Marzu 1903, fejn intqal, b'komment għal dan il-prinċipju, illi "...... non è che troppo naturale e logico che abbia il potere di dare o di non dare esecuzione ad un atto l'autorità medesima che lo avesse emanato";

Hu veru li hu deżiderabbli li, kemm jista' jkun, kull kawża jkollha l-benefiċċju ta' eżami doppju; imma din il-konsiderazzjoni għandha ċċedi quddiem il-prinċipju l-ieħor fuq enunċjat; għax kull Qorti oħra tkun, in forza tiegħu, inkompetenti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad il-preġudizzjali ta' difett ta' ġurisdizzjoni, opposta mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu.